# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

## SENTENZA

Mogħtija illum, it-Tlieta, erbgħa (4) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru 435/2022

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

vs

**Raymond Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Raymond Buttigieg**, imwieled nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 1962 u residenti Memories, Triq Torri ta' Gorgun, Xewkija, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 38162(G) fejn huwa ġie akkużat talli nhar is-sbatax (17) ta' Lulju 2022 għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (18.45hrs) ġewwa Triq Ras il-Bajjada, Munxar, u fil-ġranet u l-ġimghat ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

(1) ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Joanna Spiteri, u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għal Joanna Spiteri;[1]

(2) bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Joanna Spiteri biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha;[2]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skont l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, il-parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: illi nhar is-sbatax (17) ta' Lulju 2022 Joanna Spiteri għamlet rapport fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex għaliex aktar qabel waqt li kienet ħierġa mid-dar tal-partner

[1] Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9

tagħha fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar, għadda missierha Raymond Buttigieg bil-vettura tiegħu. Miegħu kien hemm wkoll l-eks raġel tagħha Paul Spiteri. Peress li hija ma tridx affari ma' missierhha, hija daħlet fil-vettura tagħha. Missierha Raymond Buttigieg niżel mill-vettura tiegħu, mar fejn il-vettura tagħha u fetħilha l-bieba tal-passiġġier. Qalilha diskors fis-sens li huwa ma jibża' minn ħadd u semmielha wkoll ittra li hija kienet bagħtitlu bl-Avukat tagħha biex hu u ommha ma jersqux lejha. Hija kompliet tgħid li qabel ma telaq missierha sabbat il-bieba tal-vettura tagħha. Spiteri qalet wkoll li missierha kien il-ħin kollu qed isegwieha u ġieli għamel ħinijiet twal ipparkjat fit-triq fejn hija kienet qiegħda tirrisjedi. Raymond Buttigieg min-naħa tiegħu ċaħad dan kollu.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel u t-Tieni Akkuża – Artikolu 251A(1)(a)(b) u 251B(1) tal-Kap. 9</u>**

Jibda biex jingħad li element fundamentali u komuni għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-reati ipotizzati fl-artikolu 251A u 251B huwa li jrid jkun hemm *"a course of conduct"* da parti tal-akkużat. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imġieba" f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet legali.

Fi kliem Archbold: "*Two incidents can constitute a 'course of conduct ' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct*."[3]

Fl-edizzjoni tal-2012 tal-Blackstone's Criminal Practice jingħad li: *"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the*

[3] (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC)

*course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct."*

Fuq l-istess tema fl-edizzjoni tal-2008 tal-Blackstone Criminal Practice ġie spjegat li:

> *"How separate the two occasions must be, remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

B'riferenza partikolari għat-tieni akkuża issir riferenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**,[4] fejn il-Qorti ikkummentat li r-*ratio legis* tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B imur oltre semplicement theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi ħadd biex iħossu mhedded. Il-Qorti għamlitha ċara li irid ikun hemm regolarita b'fatti diversi, fuq perijodu ta' żmien u r-reat mhux intiż għall-okkażżjoni waħda jew għal akkuża li tirrisali għall-inċident partikolari iżda għall-okkażżjonijiet li fihom iseħħ *"course of conduct"* li jwassal biex persuna tibża' kif imfisser fl-istess artikolu.

[4] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2009 per l-Onor. Imħallef Dr Joe Galea Debono.

Minn eżami tal-atti proċesswali huwa ċar li l-provi li rnexxielhom iġibu l-Prosekuzzjoni u l-parte civile kienu dwar incident ta' darba li seħħ fis-sbatax (17) ta' Lulju 2022. Għalkemm fir-rapport oriġinali il-parte civile tistqarr li dan ma kienx l-ewwel rapport li hija kienet qiegħda tagħmel kontra missierha, il-parte civile u l-Prosekuzzjoni ma ġabu l-ebda prova ta' dawn ir-rapporti. Tali prova setgħet faċilment tinġab billi jiġi inġunt rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jixhed dwar ir-rapporti li kienu saru u jippreżenta l-okkorrenzi relattivi, biex wieħed anke jieħu konjizzjoni tal-fatt għalfejn saru dawn ir-rapporti u meta saru.

Fix-xhieda mogħtija quddiem din il-Qorti, il-parte civile lanqas ma tagħti xi dettalji dwar l-affarijiet li tgħid li ġraw qabel din id-data. In kontro-eżami tagħmel biss riferenza għall-allegat incident li seħħ xhur aktar qabel preċiżament fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju 2022 fejn missierha tefa' coaster tal-ħġieġ fid-direzzjoni tagħha. Dan meta huwa sar jaf li l-istess parte civile kienet bdiet relazzjoni extra-maritali ma' Mario Spiteri u kissret il-familja tagħha. Pero dwar dan il-każ, il-parte civile tgħid li m'għamlet l-ebda rapport. Għal dan l-allegat incident kien hemm preżenti wkoll ir-raġel tal-istess parte civile Paul Spiteri; pero il-Prosekuzzjoni għażlet li lil Paul Spiteri ma ittellgħux jixhed dwar dan il-każ tal-*coaster*. Lanqas ma tellgħetu jixhed fuq il-każ tas-sbatax (17) ta' Lulju 2022 minkejja li huwa kien preżenti fuq il-post. Għalkemm forsi ma semax il-konversazzjoni hekk kif stqarr l-akkużat waqt ix-xhieda tiegħu, seta' jixħet dawl fuq kif seħħew l-affarijiet dakinhar.

La dawn il-provi ma sarux, allura fl-atti l-Qorti m'għandhiex prova dwar il-*course of conduct* rikjest għal sejbien ta' ħtija. Għandha biss prova ċara u inekwivoka dwar inċident wieħed li pero mhux suffiċjenti għall-sejbien ta' ħtija għall-fini tal-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat Raymond Buttigieg</u>** ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuża u għalhekk qed tilliberah minnhom.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur